MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Frank Carbonaro
vs
Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-20 ta' Jannar 2000 zdied il-kliem u Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa ressaq il-kaz tieghu kontra l-Korporazzjoni intimata minhabba ingustizzja gravi li huwa bata' bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni, anki politika tal-intimat.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu:

Illi huwa kien dahal jahdem mal-intimata fl-1975 wara hames snin ta' apprendistat li temm b'success. Huwa wasal biex ottjena il-"Journeyman Certificate tas-City &

Guilds" Part I u II. Huwa kien gie impjegat fil-grad ta' TTI u kien gie stazzjonat f'tas-Sliema.

Illi hawnhekk kien jahdem fl-apparat u ghamel madwar ghoxrin sena fil-qalba tal-"exchange". Illum huwa qieghed fit-Test Room ta B'Kara fil-grad ta' TOI bir-riforma tal-1991.

Illi fl-1989 kienu hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta' TOI u TOII u peress li huwa kellu l-kwalifiki u l-esperjenza rikjesti mic-cirkulari, ghaz-zewg gradi applika ghat-tnejn u resaq ghall-"interview' fit-tnejn. Illi meta hargu r-rizultati huwa sab li kien gie maqbuz minn nies li kellhom kwalifici u esperjenza ferm anqas minnu. Hekk per ezempju kien hemm persuna li minn grad ta' TTI saret TOIII.

Illi huwa dejjem gab ruhu b'responsabblita` fuq il-post tax-xoghol tieghu u fil-fatt qatt ma kellu rapporti hziena fuq l-imgieba tieghu.

Huwa membru attiv fil-"union" tieghu u jattribwixxi dan l-agir tal-intimata ghal diskriminazzjoni minhabba hekk.

Illi ghaldaqstant dan l-agir tal-korporazzjoni intimata kien kkawza dannu kbir ghall-karriera tar-rikorrent, li gie mcahhad minn promozzjoni ingustament dana kollu wassal biex r-rikorrent sofra telf fl-avvanz u fil-promozzjonijiet li kienu jixirqulu u per konsegwenza huwa bata minn telf ta' seniority fuq il-Post tax-Xoghol.

Illi huwa biex isostni l-ilment tieghu, kien bi hsiebu jgib il-provi kollha mehtiega u x-xhieda elenkati, sabiex dan t-Tribunal jkun jista' jiddeciedi fuq it-talbiet u l-kaz tieghu.

Ghaldaqtant r-rikorrent talab lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li jisma u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u 1. Jiddikjara li l-intimata korporazzjoni naqset li taghtih dik il-promozzjoni li kien haqqu; 2. Tikkundanna lill-intimat taghti lir-rikorrent dik il-Promozzjoni li haqqu ghall-grad ta' TOII jew dik verjuri; u/jew 3. Li tikkundanna lill-intimat thallsu dak il-kumpens

xieraq ta' mhux aktar minn Lm5000 bhala kumpens ghall-ingustizzja u telf ta' qliegh li huwa bata skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunt il-subizzjoni.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ngustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer I, Technical Officer II kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghaz-zewg postijiet pero' fil-kaz ta' Technical Officer I ghalkemm gab 50 marka ma setghax jinghazel minhabba li l-vakanzi kienu limitati u l-ahhar wiehed li kkwalifika gab 54 marka. Fil-kaz ta' Technical Officer II ma kkwalifikax.

3. Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Technical Officer I, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 50 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 10 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz, 9 minn 20 marka ta' l-esperjenza, 12 marki minn 15-il marka ghal kwalifiki; 12 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 4 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 3 minn 50 marki ghal personalita`.

4. Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Technical Officer II, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 46 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 10 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 7 minn 20 marka ta' l-esperjenza; 12 marki minn 15-il marka ghal kwalifiki; 12 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 2 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 3 minn 5 marki ghal personalita`.

5. Ir-rikorrent ghandu jispecifika ahjar l-allegazzjoni tieghu li nies b'inqas esperjenza u kwalifici minnu nghataw il-

hatra u l-korporazzjoi tirrizerva li twiegeb ahjar meta jigu hekk specifikati.

6. Ghaldaqstat il-korporazzjoni talbet lit-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li fis-snin ta’ apprendistat ottjena diversi certifikati tas-City and Guilds u fl-ahhar tal-apprendistat gie moghti ‘il-journeyman certificate’. Qal li wara l-apprendistat sar Technician I u kien stazzjonat fis-Sliema exchange fejn dam madwar 20 sena. Qal li shabu li kien jahdem mieghu hadu promozzjoni wara ftit taz-zmien filwaqt li hu ma hadhiex. Qal li bejn l-1985 u l-1992 kien jahdem bix-shift u shabu kollha li kienu jahdmu u jaghmlu l-istess xoghol bhalu kollha spiccaw fi grad 8 jew 6, u hu ghadu fi grad 12. Zied ighid li meta gie mibghut fit-testroom ta’ B’Kara kienu tawh xoghol oghla mill-grad tieghu u anki gie mitlub kemm il-darba jkun in charge avolja jkun hemm persuni bi grad oghla minnu. Kompla jghid li hu gie maqbuz minn hafna nies bhala labourers u nies tal-korpi. Zied ighid ukoll li peress li ma hax il-promozzjoni fl-1989 minn TTIII ghal TOI, gie mcahhad minn somma ta’ madwar Lm1,200 f’arretrati. Semma lil Vincent Camilleri li llum jinsab fi grad 6 u kien dahal warajh mal-Korporazzjoni. Semma wkoll lil C. Muscat illum fi grad 10, T. Muscat fi grad 8 u C. Zammit fi grad 10. Fl-ahharnett hu lmenta li jhoss li saret ingustizzja mieghu peress li dhalla lura daqshekk fir-rigward tal-promozzjonijiet.

In kontro ezami hu semma li hu kien gab 50 marka ghal TOI, filwaqt li fl-ahhar wiehed li kien intaghzel ghal TOI gab 54 marka. Semma lil Louis Vella u Charles Zammit li ma kienux kwalifikati daqsu u hadu l-promozzjoni. Semma wkoll lil Marco Grech, Johnnie Barbara u lil Charles Grima.

Xehed Michael Galea li kien jahdem mar-rikorrent mill-1991 sal-1998 fil-B'Kara testroom. Qal li r-rikorrent kien fis-Sliema Exchange sal-1991. Zied ighid li fl-1991 sar TOIII skala 8 u r-rikorrent kien lahaq TTIII. Iddeskriva lir-rikorrent bhala habrieki, efficjenti u ubbidjenti fuq ix-xoghol.

Xehed Louis Vella Senior Technical Officer fil-B'Kara test room u dahal mal-Malatacom fl-1979. Qal li fl-1987 lahaq TOI. Spjega li l-grad tieghu kien superjuri ghal tar-rikorrent. Zied ighid li hu lehaq permezz ta' esperjenza u mhux ta' certifikati. Semma li ilu jahdem mar-rikorrent mill-1991 f'B'Kara.

Xehed Tony Zahra Technical Executive. Hu ghamel xi zminijiet jahdem mar-rikorrent. Kien f'Ghawdex kif ukoll f' B'Kara. Qal li kienu fl-apprentistat flimkien u studjaw fl-istess suggetti. Qal li f'xi zmien hu u r-rikorrent kienu ntaghzlu biex iwettqu progett f'Ghawdex. Semma wkoll li fl-1989 kien hemm ezercizzju ta' promozzjonijiet u la hu u lanqas ir-rikorrent ma haduha. Qal li hu flimkien ma' ohrajn kien ressaq ilment kollettiv quddiem il-Parlamentary Secretary dak iz-zmien izda s-Sur Carbonaro ma kienx ghamel dan.

Xehed Manuel Ciantar Senior Technical Officer mal-Maltacom. Qal li hu kien segwa l-apprentistat mar-rikorrent u dahlu mal-Kumpanija flimkien, u semma li ghandu certifikati tas-City and Guilds. Qal ukoll li ha l-grad ta' TOII fl-1987, ekwivalenti ghal S.T.O. tal-lum. Zied ighid li kien hemm perjodu meta hu u r-rikorrent kienu jahdmu flimkien u r-rikorrent kien jaf sew is-sistema tal-apparat fil-fatt hu gieli rrikorra ghand ir-rikorrent biex isaqsieh dwar dan.

Xehed Albert Balzan li kien Head tal-Internal Communications u lir-rikorrent jiftakru bhala Technician. Qal li fuq il-bord tal-ghazla kien hemm ukoll Godwin Ellul u Charlie Zammit. Zied ighid li saret intervista u l-kandidati gew ezaminati fuq hames kriterji. Qal li waqt l-intervista huma bbazaw fuq dak li qalu l-kandidati waqt l-interview u ma kellhomx files tal-kandidati quddiemhom. Spjega li fl-ahharnett taw ir-rapport taghhom lill-General Manager Tony Debono.

Xehed David Buttigieg rapprezentat tal-Maltacom li esebixxa r-rapport tal-bord tal-ghazla ghall-post ta' TOI u r-rapport tal-bord tal-ghazla ghall-post ta' TOII. Hu qal li r-rikorrent dahal apprentist f'Jannar 1970 lahaq TTI f'Jannar 1975 u TTII minn Jannar 1979, TTIII b'effett minn Ottubru 1986 u gie assimilat ghal Technical Officer minn Jannar 1992. Qal ukoll li ma sabx rapporti negattivi fil-konfront tar-rikorrent.

Ipprezenta dokumenti minn fol 126 'il quddiem li huma risposti ghad-domandi li kienu sarulu dwar persuni li kienu jahdmu fit-Telemalta. Semma wkoll meta dahlu mal-Korporazzjoni xi nies bhal John Barbara li dahal bhala Technician 1 fit-12 ta' Jannar 1976 lahaq TTIII fl-1 ta' Ottubru 1986 u TOII b'effett mill-5 ta' Gunju 1987. Qal li Charles Ciangura dahal fl-1 ta' Settembru 1978 bhala Technician I u lahaq Technician II fl-1 ta' Jannar 1979 u Technician III fl-1 ta' Ottubru 1986 u lahaq TOI fil-5 ta' Gunju 1987. Qal li Louis Vella dahal fil-25 ta' Gunju 1979 bhala Technician I, lahaq TOI mill-5 ta' Gunju 1987. Semma lil Charles Zammit li dahal mal-Kumpanija fil-25 ta' Gunju 1979 bhala Technician I u lahaq TOI fil-5 ta' Gunju 1987. Charles Muscat dahal bhala skilled labourer fl-1 ta' Marzu 1979 u f'Marzu 1980 lahaq Technician I, Technician II f'Ottubru 1986 u TOI f'Gunju 1987.

Ra li fid-19 ta' Gunju 2002 t-Tribunal kien laqa' t-talba tar-rikorrent biex issir referenza ghad-depozizzjoni ta' Albert Balzan, Godwin Ellul u Charles Zammit moghtija f' kawza ohra. Bazikament dawn ix-xhieda qalu hekk:

Xehed Godwin Ellul li qal li jikkonferma ghall-habta ta' l-1989 huwa kien membru tal-Bord ta' l-ghazla ghall-grad ta' Telecom Technician 3. Lir-rikorrent ma gharfux. Qal li l-kriterji ta' l-ezami, kien hemm xi affarijiet teknici li kienu relatati max-xoghol izda peress li huwa mhux bniedem tekniku kien hemm ukoll xi domandi ta' taghrif generali li kienu fuq current affairs. Ikkonferma li l-kriterji kienu kwalifiki, taghrif generali, personalita, kompetenza personali fuq mistoqsija teknika u snin ta' servizz. Ikkonferma li r-rikorrent gab marki tajbin hlief ghall-mistoqsija teknika.

Xehed Albert Balzan li kkonferma ghall-habta ta' l-1989 huwa kien membru fil-bord ta' l-ghazla ghall-Telecom technician 3. Qal li dak iz-zmien li kien membru tal-bord kien Head tal-Internal Telecommunication fit-Telemalta. Qabel l-1987 kien fi grad ta' Chief Engineer. Jiftakar li kien xi darba ohra bhala membru tal-bord ghall-promozzjonijiet. Qal li hu gie appuntat fuq il-bord ta' l-ghazla fl-1989 billi cempillu s-Sur Anthony Debono li kien General Manager fejn qallu li kellhom bzonn li hu jkun fil-bord ta' l-ghazla. Zied jghid li min-naha tal-Ministru Muscat jew mic-Chairman tat-Telemalta jew mis-Sur Debono li kien il-General Manager dejjem kien jghidlu biex jghaggel. Qal li gieli sarulhom xi mistoqsijiet fir-rigward ta' certi persuni jekk dan tressqux jew le.

Qal li l-Ministru kien staqsieh certi domandi bhal dawn. Qal li l-ismijiet kienu jghadduhomlhom bil-fomm. Qal ukoll li l-kontribut tieghu fuq dan il-bord kien l-aktar li kien jaghmel mistoqsijiet teknici. L-iktar mistoqsijiet li kien jaghmel kienu jirrigwardaw exchanges, testing, joints ecc. Qal li peress li kienet fil-linja teknika kienu jaghtu mportanza l-valutazzjoni tieghu. Zied jghid li jista' jkun li dawk li gew indikati lilu mill-Ministru inghataw marka gholja minnu fuq mistoqsija teknika.

Xehed Charles Zammit li qal li kkonferma li fl-1989 kien membru tal-bord ta' l-ghazla ghall-grad ta' TT3. Qal li gie appuntat fuq il-bord ta' l-ghazla peress li dak iz-zmien skond il-ftehim kollettiv tat-Telemalta kien hemm li kellu jkun hemm rapprezentant tal-GWU. Qal li d-domandi li

ghamel hu kienu introductory questions, gieli staqsa wkoll domandi li kienu relatati mas-snin ta' servizz u anke mat-taghrif generali. Zied jghid li l-mistoqsijiet teknici kien jaghmilhom Albert Balzan ic-Chairman tal-Board. Qal ukoll li huma kellhom isegwu il-marki ghall-mistoqsija teknika ta' Albert Balzan peress li peress li hu kien il-bniedem chief tekniku. Qal li sa fejn jaf hu kien hemm xi ftehim bejn il-management u l-union dwar kemm kellhom jigu appuntati TT3' s.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi dan it-Tribunal jirrferixxi ghall-kawza fl-ismijiet Joseph Mallia vs Chairman Maltacom p.l.c. deciza fis-6 ta' Novembru 2001 fejn intqal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord

jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **<u>15</u>**% |
| Kwalifiki | **<u>25</u>**% |
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

**Analisi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**<u>snin ta' servizz</u>** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **<u>experience</u>** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **<u>kwalifiki</u>** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**<u>mistoqsija teknika</u>** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**
Ghall-pozizzjoni ta' TOII:

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 10; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; ghalhekk il-marka trid tibqa' 10;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 5;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 12; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 20;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 12; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal l-marka ssir 9;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 2; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marki 2;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka ghalhekk tibqa' 3.

Dan igib it-Totali ghal TO II ghal 49 u ghalhekk ma jikkwalifikax.

Ghall-pozizzjoni ta' TOI:

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 10; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30%; ghalhekk il-marka trid tibqa' 10;
Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 9; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 7;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 12; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal din issir 20;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 12; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal l-marka ssir 9;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marka ta' 4 ;
Dwar Personalita` l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 3; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5%; il-marka ghalhekk tibqa' 3.

Dan igib it-total ghal 53. Issemma li l-ahhar wiehed li kkwalifika gab 54 marka u ghalhekk dan mhux sufficjenti ghar-rikorrent biex jikkwalifika.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Spejjez kontra r-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------